

Appell ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2019 minn Daico International BV mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral (Is-Seba' Awla) fit-22 ta' Novembru 2018 fil-Kawża T-356/17: Daico International vs EUIPO — American Franchise Marketing

(Kawża C-36/19 P)

(2019/C 280/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Daico International BV (rappreżentant: M. F. J. Haak, advocaat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Ufficiċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Pernezz ta' digriet tal-4 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Is-Seba' Awla) iddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Gdańsku (il-Polonja) fil-11 ta' Marzu 2019 —
Procedury kriminali kontra AV**

(Kawża C-221/19)

(2019/C 280/22)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Gdańsku

Parti fil-kawża prinċipali

AV

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istat Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda (!), li jipprovdli li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor, previst fil-paragrafu 1, la għandu l-effett li jinfluwenza dawn il-kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni tagħhom fl-Istat Membru fejn iseħħu l-proċedimenti l-għodda, la li jiġi rrevokati, u lanqas li jerġġu jiġu eżaminati mill-ġdid, għandu jiġi interpretat fis-sens li jitqies bħala att li jinfluwenza [l-kundanni] fis-sens ta' din id-dispożizzjoni mhux biss il-fatt li sentenza globali tkopri piena prevista f'sentenza mogħtija fi Stat tal-Unjoni Ewropea, iżda wkoll il-fatt li din is-sentenza tkopri tali piena, li ttieħdet għal eżekuzzjoni fi Stat ieħor tal-Unjoni b'sentenza mogħtija f'dan l-Istat, fil-kuntest tas-sentenza globali?